6 ta' Ġunju, 1949

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Manwel Grixti

## Digriet — Piena — Appell — Nullità — "Audi Alteram Partem" — Korrezzjoni — Art. 427 tal-Kodiċi Kriminali.

*Digriet interlokutorju huwa pronunċjament li jiġi mogħti fil-kors tal-kawża u li ma jipprekludix il-kontinwazzjoni tal-ġudizzju. Għaldaqstant digriet mogħti wara s-sentenza ma hux digriet interlokutorju, u għalik mhix applikabili r-regola illi ma jistax jiġi appellat ħlief wara u flimkien mas-sentenza definittiva.*

*Meta jsir appell minn digriet mogħti wara s-sentenza, l-appellant ma għandux bżonn jesponi l-fattijiet ta' l-imputazzjoni fir-rikors ta' l-appell. Meta huwa jesponi l-fattijiet relattivi għal dak id-digriet, huwa jissoddisfa l-vot tal-liġi, u r-rikors ta' l-appell ma jiġix null billi ma jkunx fih il-fatti tal-kawża fil-qosor.*

*Digriet li jiġi mogħti wara s-sentenza huwa null jekk jiġi mogħti mingħajr ma l-imputat ikun jaf b'xejn x'qiegħed isir; għax l-għoti ta' digriet f'dawn iċ-ċirkustanzi jivvjola żewġ regoli fondamentali fil-materja, jiġifieri dik illi l-imputat għandu jkun preżenti fil-proċeduri kollha li jsiru kontra tiegħu, u l-oħra illi għandu jiġi rispettat il-prinċipju "audi alteram partem".*

*Barra minn dan, digriet simili li jkun biddel dik il-parti tas-sentenza li tagħti l-piena huwa null ukoll għar-raġuni illi dik ir-riforma ma tistax issir ħlief permezz ta' appell fil-forma li trid il-liġi. U dan tant aktar jekk is-sentenza tkun ekwivoka; għaliex ebda dispożizzjoni ma hemm fil-liġi kriminali li tawtorizza lill-Qorti, fuq rikors ta' l-interessati, tikkorreġi espressjonijiet li ma jkunux ċari*

*Il-fatt li bl-annullament tad-digriet li jkun irriforma s-sentenza dik is-sentenza tiġi ineżegwibbli mhux raġuni tajba biex ma jiġux applikati l-prinċipji hekk imfissra.*

*Fil-każ preżenti, l-imputat ġie kundannat għall-piena li kellha tiġi skontata f'Dar ta' Korrezzjoni. L-Attorney General talab b'rikors il-korrezzjoni ta' dik is-sentenza fis-sens illi jiġi mibdul il-post fejn kellha tiġi skontata l-piena, billi Djar ta' Korrezzjoni f'Malta ma hemmx. Il-Qorti pprovdiet ir-rikors billi ordnat illi l-piena tiġi skontata fil-Juvenile Section tal-Ħabs ta' Kordin, u dan mingħajr l-imputat tant aktar ma ġie biss notifikat. Fl-appell dak id-*

*digriet gie annullat b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq esposti; armaġja b'hekk is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti baqgħet li ma tistax tiġi eżegwita.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-28 ta' April 1949 l-imsemmi Grixti ġie misjub ħati ta' riċettazzjoni ta' oġġetti misruqa ta' valur ta' aktar minn £10 iżda anqas minn £100, u ġie kundannat għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien sitt xhur li, skond l-ordni tal-Qorti, kellha tiġi skontata f'Dar ta' Korrezzjoni kif hemm maħsub fl-art. 39 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12);

Hekk kif ġiet pronunzjata din is-sentenza, Grixti talab permess għall-appell, u talab is-sospensjoni tas-sentenza;

*Omissis;*

L-appell, però, mis-sentenza fuq imsemmija ma sarx, salv dak li sejjer jingħad 'il-quddiem;

Wara li għalaq it-terminu ta' l-appell — dan it-terminu kien jagħlaq fis-7 ta' Mejju 1949 — l-Attorney General ippreżenta rikors li fih espona li Djar ta' Korrezzjoni ma hemmx hawn Malta, u talab li kwindi l-Maġistrat jagħti provvediment fis-sens li l-piena tiġi skontata fil-Juvenile Section tal-Ħabs ta' Kordin. Dan ir-rikors (bla ma ġie notifikat lill-imputat) ġie dekretat adeżivament fl-istess ġurnata. Ġie hekk dekretat kameralment, bla ma ġiet mogħtija ebda opportunità ta' kontestazzjoni lill-imputat. Meta ngħata dan id-digriet l-imputat ġie meħud il-Ħabs ta' Kordin, u din kienet l-ewwel darba li hu ġie jaf bid-digriet fuq imsemmi;

L-imputat issa appella minn dan id-digriet;

Sadattant il-Qorti t'Isfel, fuq talba ta' l-imputat, originarjament magħmula lil din il-Qorti u minn din il-Qorti rimessa lill-Qorti t'Isfel, b'digriet tagħha tad-19 ta' Mejju 1949, issospendiet l-eżekuzzjoni ulterjuri tas-sentenza;

Trattat l-appell fuq imsemmi, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-każ hu ta' importanza mhux żgħira, mhux biss mill-punto di vista kriminali, imma anki mill-punto di vista ta' prinċipji kostituzzjonali li jirrigwardaw il-libertà taċ-ċittadin;

L-Avukat tal-Kuruna oppona preliminarment l-inappellabilità tad-digriet in bażi għall-art. 427 tal-Kap. 12;

Dina l-eċċezzjoni ma hix sostenibili, għal dawn ir-raġunijiet;

L-art. 427 fuq ċitat jikkontempla "expressis verbis" id-digrieti interlokutorji. Issa, mit-termini ta' l-istess artikolu jidher ċar li dawn id-digrieti interlokutorji huma pronunzji li jiġu mogħtija mill-Qorti "fil-kors tal-kawża". Altrimenti ma kienx ikun hemm sens fid-distinzjoni nvoluta bil-kliem "which does not bar the continuation of the cause". Del resto, skond il-proċeduralisti l-aktar akkreditati fil-materja (ara Matt'rolo, Dto. Giudiziario, Vol. IV, no. 26, pag. 26, u Mortara, Dig. Ital., Vol. XXII, P. II, p. 450, voce Sent. Civ., nri. 34 u 38), is-sentenzi interlokutorji huma dawk "che non pongono fine al giudizio e si pronunziano nel corso di esso, mentre la causa procede verso il suo naturale compimento"; mentri dan id-digriet, li hemm appell minnu, kien digriet li ġie mogħti "wara" s-sentenza. L-art. 427 jikkontempla digrieti li jistgħu jiġu appellati għalihom "qabel" id-"definitive judgment", u digrieti li ma jistgħux jiġu appellati blief fl-appell mis-sentenza stess—dejjem peri digrieti li ġew mogħtija "qabel" is-sentenza finali. Għalhekk l-art. 427 ma jistax jikkolpixxi l-każ ta' dan id-digriet, li ġie mogħti wara s-sentenza finali;

Minbarra dan, hemm anki raġuni oħra. Dan id-digriet, hekk appellat, kien jirrigwarda l-piena. Issa l-piena hi materja ta' sentenza, mhux ta' digriet, kif jidher ċar mill-art. 391 Kap. 12, li jgħid li l-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fattijiet li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena, eċċ. Digriet jirrigwarda ġeneralment materji interinali, jew puntu kontroversi ta' forma jew proċedura. Għalhekk għad-digriet in kwistjoni ma jistax ikun applikabili l-art. 427 fuq imsemmi;

L-Avukat tal-Kuruna ssolleva wkoll l-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors ta' l-appell għar-raġuni allegata li fih jonqsu l-fattijiet fil-qosor. Dina l-eċċezzjoni ma tantx hi ċara. Fir-rikors ta' l-appell, fol. 39, hemm il-fattijiet fid-dettalji tagħhom kollha. L-appellant ġà ladarba l-appell huwa biss mid-digriet fuq imsemmi, ma kellu ebda obbligu li jesponi l-fattijiet ta' l-imputazzjoni. Fl-istess rikors tiegħu, issa mpunjat mill-Prosekuzzjoni bħala null, l-imputat qal li hu ma ħassux ġustifikat jappella mill-meritu, u għalhekk kien ħalla jgħaddi t-terminu. Lanqas tant kellu nteress jappella, ġà ladarba s-sentenza kienet ineżegwibili, almenu qabel ma ġie rimedjat fil-mod li kon-

tra tiegħu issa nsorġa l-imputat. Għalhekk, meta fir-rikors ta' l-appell mid-digriet, l-imputat espona l-fattijiet relativi għal dak id-digriet, huwa ssoddisfa l-vot tal-liġi. Anki din l-eċċezzjoni, konsegwentement, ma hijiex f'lokha;

Ikkunsidrat;

Mhux bit-tort l-imputat qed jappella mid-digriet fuq imsemmi u jattakkah b'nullità;

Dak id-digriet, infatti, imur kontra żewġ prinċipji kardinali ta' ġustizzja naturali ("Rules of natural justice"): wieħed, illi l-imputat għandu jkun preżenti fil-proċeduri kontra tiegħu; u l-ieħor, dak ta' l-"audi alteram partem";

Ma hemmx dubju li wieħed mill-akbar preġji tal-Kodiċi Kriminali Malti hu dak li l-proċeduri "in absentia" ma humiex ammessi;

Il-kundanna ta' l-imputat "in contumacia" ma hix permessa mill-Kodiċi liberali ta' pajjiżna. Il-każijiet eċċezzjonali li hemm fl-art. 414 (7), 417 (4), 449 (2), 518, u 645 (1) Kap. 12, huma każijiet sporadiċi, fejn, minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ, bħal meta, ripetutament imwissi, l-akkużat jibqa' jiddiporta ruħu ħażin, il-preżenza ta' l-imputat hi dispensata. Imma r-regola hi dik tal-preżenza tiegħu. Aktar u aktar hu hekk, meta, bħal fil-każ preżenti, si trattava ta' pronunċja tal-Qorti dwar il-piena — l-aktar parti tal-pronunċja li tinteressa lill-imputat meta jkun misjub ħati, u dik il-parti li, flimkien ma' l-oħrajn fih imsemmijin, tifforma wieħed mir-rekwiżiti "sine qua non" tas-sentenza, skond l-art. 394 fuq imsemmi;

Mhux biss ma kienx preżenti, imma l-pożizzjoni ġiet aggravata bil-fatt illi l-Maġistrat ma ordnax almenu n-notifika tar-rikors lill-imputat; b'mod li dan ma kien jaf b'xejn b'dak li kien qed isir dwar il-piena li intant kienet qiegħda tkun irrogata lilu. Apparti illi l-proċedura ma hix korretta, u r-rimedju kien divers, kif sejjer jingħad 'il-quddiem, ċertament, għallanqas, dak ir-rikors kien imissu ġie notifikat lill-imputat u provvdut mill-Qorti in udjenza, wara d-diskussjoni opportuna. Ir-regola "audi alteram partem", meta vjolata, iġġib in-nullità anki f'materja ċivili, għaliex tikkostitwixxi "a departure from natural justice" (ara Wade & Phillips, pp. 275-276, 1944 Edit.). Il-Qorti ta' l-Appell, presjeduta minn Sir Adrian Dingli, virtwalment enunċjat ir-regola "audi alteram partem"

meta fil-każ "Vella vs. Camilleri", deċiż fid-19 ta' Ottubru 1885, qalet illi d-deċiżjoni ta' arbitru tissuppjoni, biex tkun valida, illi hu jkun ta lill-partijiet l-opportunità kollha li jissottomettu r-raġunijiet tagħhom, u li kieku f'dak il-każ l-arbitru mexa diversament, il-Qorti kienet tannulla d-deċiżjoni. "Multo magis" għandha din ir-regola tkun strettament imħarsa f'materja kriminali, fejn hemm involuta l-libertà taċ-ċittadin;

Però, anki indipendentement minn dawn iż-żewġ regoli li ġew vjolati, id-digriet kien null "a planta pedis" għal raġuni oħra. Infatti, kif mhu ċar, b'dak id-digriet ġiet imbiddla dik il-parti tas-sentenza li kienet tirrigwarda l-piena. U hu ugwalment ċar li riforma ta' sentenza ma tistax issir ħlief bilmezz ta' l-appell fil-forma li trid il-liġi. Ma hux affattu aċċettabili l-argument li f'dan il-każ kien hemm biss lok għal talba għal interpretazzjoni tas-sentenza. Dan kien jista' jingħad biss kieku r-raġuni kienet tippermetti li jista' jingħad illi l-Maġistrat oriġinarjament ried jikkundanna lill-imputat sabiex jiskonta l-piena fil-Juvenile Section tal-Ħabs u, minflok qal hekk, esprima ruħu ħażin u qal minflok "dar tal-korrezzjoni". Hu ċar li dan ma kienx każ ta' espressjoni ekwivoka, imma każ ta' malintiż tal-Maġistrat, li b'inavvertenza ħaseb li hawn Malta kienu ġew mwaqqfin id-Djar tal-Korrezzjoni, li l-Gvernatur kellu l-fakoltà li jwaqqaf bil-Kap. 46, art. 2. Anki kieku kien każ ta' espressjoni ekwivoka (li ċertament ma hux), ma għandux jintnesa li, għal raġunijiet ovvji, fil-proċedura kriminali ma hemmx, la espliċitament u lanqas b'riferenza, dispożizzjoni simili għal dik tal-Kodiċi ta' Org. u Proċ. Ċivili, Kap. 15, li tippermetti lill-Qorti, fuq rikors ta' l-interessati, li tikkorreġi espressjonijiet li ma jkunux ċari. Għalhekk jiġi li f'dan il-każ saret korrezzjoni f'parti sostanzjali ta' sentenza b'mod proċedurali li l-liġi ma tippermettix;

Jista' jiġi obbjettat illi allura d-difett fis-sentenza kien jibqa' bla rimedju u s-sentenza kienet tibqa' ineżegwibili. Apparti illi dan mhux argument biex tiġi leġittimata proċedura mhux skond il-liġi, għar-raġuni ta' sens komun, espressa filmassima "two wrongs do not make a right", forsi kien il-każ illi jsir, fi żmien utili, li issa għadda, appell mill-Attorney Ġeneral taħt l-art. 425 (1) (b) (iii) Kap. 12; għaliex meta l-Qorti

t'Isfel ordnat illi l-piena tiġi skontata f'Dar tal-Korrezzjoni, li fil-hawn Malta ma hemmx, u meta l-piena, li fil-każ kellha tingħata, ladarba lanqas kien il-każ ta' rimozzjoni fl-Approved School, kellha tiġi bilfors skontata l-Ħabs, in sostanza jġarra illi l-Qorti tat piena li fil-kwalità tagħha kienet diversa (bħala skontabili f'post li fih jeżistix) minn dik komminata mill-liġi (li fil-każ kienet tikkontempla piena skontabili fil-ħabs). B'hekk is-sentenza setgħet tiġi talvolta korretta bil-mod normali ta' l-appell. Jista' jiġi osservat li d-difett ma kienx fil-kwalità, iżda fil-mod ta' l-espjazzjoni tal-piena. Imma hu loġiku li jiġi ritenut illi l-għażla ta' post partikulari fejn tiġi skontata l-piena, minħabba l-età tal-ħati, hi parti mill-kwalità tal-piena, għaliex, appuntu minħabba l-età tal-ħati, l-eżekuzzjoni tal-piena tkun qiegħda tiġi mitigata bl-għażla tal-post partikulari fejn tiġi espjata l-piena;

Il-Qorti għalhekk issib sewwa s-sottomissjoni ta' l-imputat li d-digriet impunjat hu null, għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija;

Jista' jingħad li bl-annullament tad-digriet is-sentenza terġa' ssir ineżegwibili, għaliex l-imputat ma jistax jiġi meħud imkien għall-espjazzjoni tal-piena, u li issa ma hemmx ir-rimedju ta' l-appell in bażi għall-inċiż fuq iż-żmien, għaliex iż-żmien għadda. Għal din l-obbjezzjoni r-risposta hija illi "adducere inconveniens non est solvere argumentum", u illi, kieku din il-Qorti kellha quddiemha appell mis-sentenza u magħmul mill-Attorney General, kienet anki tista' tirrimedja billi tannulla s-sentenza bħala nieqsa mir-rekwiżit fondamentali tal-piena (għaliex piena li ma teżistix tekwivali għal nuqqas ta' piena); imma fuq appell limitat għad-digriet, u dippjù magħmul mill-imputat, din il-Qorti ma tistax taggrava l-pożizzjoni tiegħu. Il-pożizzjoni tiegħu issa hi, tajjeb jew ħażin, dik kristallizzata fis-sentenza tat-28 ta' April 1949, li ma hijiex eżegwibili ladarba ma hawnx djar tal-korrezzjoni. Din il-Qorti hi mseħħa biex tgħid jekk dak id-digriet hux null jew le— xejn aktar;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell u tiddikjara illi d-digriet fuq imsemmi hu irritu u null, għar-raġunijiet fuq imsemmijin.